


# Poeżija ta' Dun Karm

## Waħdi

**Preżentazzjoni mħejjija minn
Claudette Aquilina**


Kienet lejla ta’ difa li jgħaxxaq,
Qamar jiddi mill-isbaħ smewwiet:
Kollox sieket mal-plajja: fuq wiċċi
Fewġa ħelwa mill-oħla fewġiet.
© Evgeni Dinev Photography


Kont fuq xifer ta’ blata; f’riġlejja
Waħda waħda l-mewġ tasal u tmut.
Kien il-baħar jitbewwes max-xtajta,
Hieni u ħiemed maġenbha mixħut.


Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma’ qalbna jinġieb.


Ftakart fikom, ja siġar li ddellu
Fuq il-ħofor tal-isbaħ widien,
Ftakart fikom, ja ġonna xemxija,
Raba' u xagħri, għaqbiet u sisien.


U stħajjilt nisma’ leħen darb’oħra
Jidwi fostkom daħkani u ferħan,
Nisma’ l-għanja tal-bilbla fis-sema,
Nisma’ l-għanja tal-bidwi felħan.



**Jew nittarraf, nixxabbat, niġġerra**
**Bla ma naħseb fil-bogħ'd x'jista' jsir;**
**Bla ma nqis jekk xemx tikwi t'Awwissu**
**Jew bard aħrax li jbenġlek bħan-nir.**


Ftakart fikom, subien qalbenija,
Li għat-tjieba ta' qalbkom ħabbejt,
U kont magħkom fil-knisja, l-iskola,
Jew bit-tajra fuq xifer ta' bejt.


O xi żmien!  b’dik il-ħajta f’idejja,
Ħarsti msammra fuq tikka ġos-sħab,
Kont nistħajjel li naħkem lis-sema,
U fis-sema kont qisni ninsab.

Ftakart fik, ja dar hienja w sabiħa,
Dar mimlija bl-imħabba u bil-ġid;
Dar missieri, dar ommi, dar ħuti,
Dar il-ħidma tal-moħħ u tal-id.



Omm! … xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem!

Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm,

Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija

Omm, il-kelma li trażżan id-demm




Ħassejt demgħa titgerbeb fuq wiċċi,
Demgħa taħraq daqs xrara tan-nar!…
Bla magħruf dak il-hena minn fuqi
Bħala nefħa ta’ riħ għadda u mar.

**F’dik il-għafsa ta’ qalb reġa’ lura**
**Il-ħsieb tiegħi, u l-ħolma spiċċat …**
**F’xatt il-baħar, taħt qamar tal-fidda,**
**Sibtni waħdi fuq xifer il-blat**

